**QORTI TAL-APPELL KRIMINALI**

**IMĦALLEF**

**S.T.O. PRIM' IMĦALLEF DR. SILVIO CAMILLERI LL.D.**

**Appell Nru: 69/2015**

**Il-Pulizija**

**[Spettur Frank Anthony Tabone]**

**vs**

**Brian Attard**

**Illum, 11 ta' Settembru 2015**

**Il-Qorti,**

1. Rat l-akkużi dedotti kontra l-appellant Brian Attard, detentur tal-karta tal-identità Maltija bin-numru 14791M akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli:

   Fil-21 ta' Lulju, 2014 għall-ħabta tal-10.15 f'Kerċem, Għawdex bla ħsieb li jisraq jew li jagħmel ħsara kontra l-liġi iżda biss biex jeżerċita d-dritt li jippretendi li għandu fixkel u ċioe' żamm lil Marlene Attard milli tidħol fil-fond 'Sweet Lord', Triq Ġuze Flores, Kerċem, Għawdex.

2. Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Ghawdex) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, tat-3 ta' Frar, 2015, fejn il-Qorti wara li rat l-Artikolu 85 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, sabet lill-imputat Brian Attard ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tiegħu u kkundannatu multa ta' mitt Ewro (€100).

Finalment, il-Qorti ordnat lill-imputat sabiex sat-13 ta' Frar, 2015 jgħaddi kopja taċ-ċavetta tas-serratura in kwistjoni lil Marlene Attard

**3.** Rat ir-rikors tal-appellant Brian Attard ppreżentat fir-reġistru ta' din il-Qorti fit-13 ta' Frar, 2015, fejn talab lil din il-Qorti tħassar u tirrevoka s-sentenza appellata billi minflok tilliberah minn kull imputazzjoni u ħtija.

**4.** Rat l-atti u d-dokumenti kollha, semgħet lil Marlene Attard, Spettur Bernard Charles Spiteri u lill-imputat Brian Attard, semgħet lill-partijiet jittrattaw l-appell permezz tad-difensuri tagħhom.

**5.** Il-fatti fil-qosor huma s-segwenti:

Marlene Attard issostni li fil-21 ta' Lulju 2014, marret, flimkien ma' bintha, id-dar matrimonjali Sweet Lord, Ġuże Flores Street, Kerċem, Għawdex, biex iġġib xi ħwejjeġ għal bintha iżda sabet li ċ-ċwievet li kellha ma kienux jaqblu mas-serratura tal-fond u per konsegwenza ma setgħetx tidħol fil-fond. Hija ċemplet lill-imputat, żewġha, u dan informha li kien biddel is-serratura. Marlene Attard tgħid li dan żewġha għamlu mingħajr il-kunsens tagħha.

**6.** L-aggravju ewlieni, anzi l-uniku, tal-appellant jikkonsisti filli jinsisti li fil-21 ta' Lulju 2014 huwa ma fixkel b'ebda mod lil Marlene Attard fil-pussess tad-dar "Sweet Lord", Ġuże Flores Street, Kerċem peress li l-istess Marlene Attard ma kellhiex il-pussess tal-istess dar qabel dik id-data u konsegwentement l-elementi kostitutivi tar-reat ta' *ragion fattasi* ma jissussistux.

**Ikkunsidrat**

**7.** Mill-provi jirriżulta li fil-21 ta' Lulju 2014 Marlene Attard irrappurtat l-Għassa tar-Rabat, Għawdex li għall-ħabta tal-10.00 am riedet tidħol fir-residenza tagħha fi Sweet Lord, Triq Ġuze Ellul Flores, Kerċem iżda ma setgħetx tidħol għaliex sabet is-serratura tal-bieb mibdula mir-raġel tagħha, l-imputat. Meta l-pulizija kellmet lill-imputat dan wieġeb li huwa qatt ma kien ġie kkuntattjat minn Marlene Attard sabiex jiftħilha l-bieb u fl-ebda ħin ma ġie kkuntattjat sabiex jagħtiha *spare key* u żied li Marlene Attard kienet telqet mid-dar u s-serratura kien biddilha zmien twil qabel.

**8.** Fix-xhieda tagħha quddiem din il-Qorti Marlene Attard stqarret li qabel is-Sajf tal-2014 hija kienet għamlet rapport mal-Pulizija li kellha xi tgħid mal-*partner* tagħha ċertu Marmarà u li dan ir-rapport, iżda, wara rtiratu. Kompliet tgħid li dik il-ġurnata flimkien ma bintha marret id-dar matrimonjali, Sweet Lord, Ġuże Flores Street, Kerċem sabiex tiġbor xi ħwejjeġ għal bintha iżda sabet li ma setgħetx tidhol ġewwa għaliex iċ-ċwievet li kellha ma qablux mas-serratura u aktar tard dakinhar, żewġha informha li kien biddel is-serratura. Meta qaltlu li riedet ċavetta huwa weġibha li ried ikellem l-avukat tiegħu u aktar tard informha li l-avukat tiegħu kien qallu biex ma jagħtihiex ċavetta. Hija għalhekk għamlet rapport lill-pulizija.

**9.** Fil-kontroeżami Marlene Attard qablet li kienet ilha li telqet mid-dar mill-2012 u hemm bdiet relazzjoni mal-imsemmi Marmara. Jirriżulta li fid-9 ta' Novembru 2013 hija kienet għamlet rapport fil-konfront ta' Marmara għal insulti u theddid. Dan ir-rapport ġie wara rtirat minnha. Fix-xhieda tagħa in kontroezami Marlene Attard kienet tidher mifxula dwar id-dati relevanti tant li bil-ġurament stqarret li "Id-dati qegħdin tifxluni imma jiena mort biċ-ċavetta meta jiena għamilt dak ir-rapport naħseb kienet"[1] u meta d-difiża ssuggerietilha li d-data kienet f'Novembru, 2013 hija wieġbet "OK"[2]. Hija kompliet tixhed fuq domandi in kontroeżami li qabel il-kawża ta' llum kienet ġia għamlet rapport l-ewwel darba iżda ma ssejħitx biex tixhed u allura għamlet it-tieni rapport "Għax iċ-ċavetta intrebħet minn Brian u jiena ma ġejtx ikkonfermata biex niġi hawn[3]". Hija sostniet li l-ewwel darba li nbidlu ċ-ċwievet kien meta kellha l-inċident ma' Marmara. Dan ifisser li l-ewwel darba li nbidlet is-serratura tal-fond matrimonjali kien f'Novembru 2013 u minn dakinhar qatt ma daħlet fid-dar għaliex ma kellhiex ċavetta.

**10.** Irriżulta li dwar l-ewwel rapport f'Novembru 2013 meta ma rnexxilhiex tidħol fid-dar matrimonjali għaliex sabet is-serratura tal-fond mibdula kien tressaq l-imputat il-Qorti akkuzat b'raġion fattasi talli waqqaf lil Marlene Attard milli tidħol fid-dar matrimonjali bl-isem Sweet Lord, Triq Guże Flores, Kerċem, Għawdex, iżda fil-11 ta' Marzu 2014 ġie liberat mill-akkuża[4]. Huwa żied jgħid li minn dakinhar li ġie liberat mill-Qorti ma kien inbidel xejn ħlief li martu reġgħet għamlet rapport lill-Pulizija fuq l-istess akkuża u reġgħu tellgħuh il-Qorti, nstab ħati mill-

[1] Fol 32
[2] ibid
[3] Fol 33
[4] Fol. 6

ewwel Qorti u dik is-sentenza issa qed tiġi appellata f'dan l-appell. Fuq domandi tal-Qorti huwa xehed li bejn meta ġie liberat l-ewwel darba mill-Qorti sakemm ġie akkużat it-tieni darba u ingħatat is-sentenza li minnha hemm l-appell ta' llum martu qatt ma ppruvat tidħol fil-fond matrimonjali.

**11.** Fix-xiehda tiegħu l-imputat ikkonferma li martu kienet telqet mid-dar f'Ġunju tal-2012 u f'Novembru 2013 kien sar ir-rapport minn martu li wassal sabiex jiġi akkużat il-Qorti u f'Marzu 2014 ġie liberat mill-akkuża.

**12.** Wieħed mill-elementi essenzjali tar-reat ta' *ragionfattasi* hu li l-persuna allegatament spoljata jkollha l-pussess tal-oġġett in kwistjoni. Di fatti d-definizzjoni tar-reat *de quo* tirrikjedi li l-ħati jkun "fixkel lil xi ħadd fil-pussess ta' ħwejġu". Għar-rigward tad-dar matrimonjali kull wieħed mill-konjuġi jinkwadra bħala ko-possessur tal-fond u in kwantu tali kull wieħed mill-konjuġi għandu dritt jagħmel użu raġonevoli mid-dar b'mod li ma jipprivax lill-parti l-oħra mit-tgawdija raġjonevoli tal-istess dar[5].

**13.** Fil-każ ta' llum, iżda, rriżulta li l-għemil li bih l-imputat allegatament fixkel lil Marlene Attard fil-pussess ta' ħwejjiġha, u ċioe meta biddel is-serratura tal-fond matrimonjali, sar f'Novembru 2013. Minn dak inhar sad-data, u inkluża d-data, msemmija fl-imputazzjoni l-imputat ma għamel ebda għemil ġdid li bih fixkel lil Marlene Attard fil-pussess ta' ħwejjiġha għax is-sitwazzjoni fil-21 ta' Lulju 2014 baqgħet ininterrottament identika għas-sitwazzjoni kif kienet f'Novembru 2013 mingħajr ebda intervent ulterjuri da parti tal-appellant fil-konfront ta' martu Marlene Attard. Fid-data tal-21 ta' Lulju 2014 msemmija fl-imputazzjoni, għalhekk, ma jirriżultax li l-imputat fixkel jew żamm lil Marlene Attard milli tidħol fil-fond Sweet Lord, Triq Ġużè Flores, Kerċem, Għawdex kif allegat fl-imputazzjoni. Inoltre, għall-għemil tiegħu ta' Novembru 2013 l-imputat ġie akkużat u ġie liberat u għalhekk għal dak l-għemil josta wkoll il-ġudikat.

Għall-motivi premessi l-Qorti tħassar is-sentenza appellata u tillibera lill-appellant Brian Attard minn kull ħtija u piena.

---

[5] Ara Q. App. Kr. P v Kevin D'Agostino, 21/11/2003; P v Lawrence Camenzuli,17/9/2004

(ft) Silvio Camilleri
Prim Imhallef

(ft) Silvana Grech
D/Registratur

Vera kopja

Ghar-Registratur